# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1020/97**

**Numru 28**

**R & M Trading Limited**

**vs**

**Rita Fabri esercjenti l-kummerc bl-isem ta' "Beautyland" u b'digriet tal-15 ta' Marzu 1999 Alfred Fabri gie kjamat in kawza**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tigi kundannata li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha mija tnejn u ghoxrin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm722.56,0) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' stationery goods fost hwejjeg ohra relatati lill-konvenuta mibjugha u kkonsenjati fuq ordinijiet taghha.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' April 1997 u bl-imghax legali mid-data tal-avviz kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess konvenuta (a fol 13 tal-atti) li biha eccepiet:

1. Preliminarjament in-nullita tal-odjerni proceduri peress illli ma giex debitament imharrek biex jirrispondi ghat-talba tal-attur, ir-ragel ta' l-eccipjenta Alfred Fabri;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, jigi eccepit in-nullita tan-negozju li jifforma l-kawzali ta' l-odjerni proceduri peress illi tali allegat negozju gie esercitat minghajr il-kunsens u ntervent ta' zewgha cioe ta' Alfred Fabri liema kunsens kien mehtieg skond il-ligi peress illi si tratta ta obbligazzjonijiet u debiti li jiggravaw il-komunjoni ta l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Fabri;

3. Illi fit-tielet lok, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti f'kaz li ma jressqux provi sufficcjenti skond il-ligi dwar l-allegati ammonti rikjesti u r-relattivi konsenji maghmula minnhom u ricevuti u accettati mill-eccipjenta.

B'riserva ghal talbiet ulterjuri da parti ta l-eccipjenta biex tipprezenta eccezzjonjijiet ohra jekk jinqala l-bzonn.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Marzu 1999 li bih gie kjamat in kawza Alfred Fabri, ir-ragel tal-konvenuta.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Mejju 1999 a fol 18 tal-istess atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 21 tal-istess atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-provi,in esami, huma in sintesi s-segwenti:

a) L-istess konvenuta prodotta in subizzjoni mis-socjeta attrici, xehdet (fol 24 ibid) testwalment, " Hawnhekk nghid li jiena ghandi naghti lis-socjeta attrici xi Lm700" (ara ukoll ix-xhieda ta' Josianne Fabri a fol 44 et seq ibid).

b) Raymond Sammut (fol 26 et seq ibid), direttur tal-istess socjeta' attrici, filwaqt li esebixxa (minn fol 28 sa 42 ibid), "statement" u fattur relattvi ghal dan il-kaz, iffirmati "in parte" mill-konvenuta u "in parte"

minn zewgha u bintha Josianne Fabri, semma li kien jbiegh lil-istess konvenuta oggetti ta' "stationery" in konnessjoni mal-hanut gestit minnha u bl-isem ta' "Beautyland". Eventwalment, pero', l-istess hanut kien inghalaq minghajr xi pre-avviz. In rigward l-oggetti in esami li ma thallsux, eskluda li kien hemm xi ftehim li dawn jinghataw lura lis-socjeta' attrici f'kaz li ma jinbieghux. Difatti ix-xhud kien ipprova jiehu l-merkanzija konsenjata lura izda "il-konvenuta qatt ma waslet".

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-premess ma hemm ebda dubbju li l-ammont specifikat fl-avviz hu dovut mill-konvenuta u zewgha Alfred Fabri li da parti tieghu qatt ma resaq sabiex jikkontesta t-talbiet attrici (ara fol 21 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta u zewgha Alfred Fabri sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm722.56,0 bl-imghax legali mis-26 ta' Mejju 1997 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' April 1997.

Alan Calleja
Dep.Reg